Konvenuta: Agencia Madrileña de Atención Social de la Consejería de Políticas Sociales y Familia de la Comunidad Autónoma de Madrid

Domanda preliminari

Il-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, inkluż fl-ordinanent Komunitarju permezz tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni 1999/70 ([1]), għandha tiġi interpretata fis-sens li t-tmiem tal-kuntratt temporanju ta' "interinidad" [kuntratt temporanju ta' sostituzzjoni jew fl-istennija ta' pożizzjoni vakanti] konkluż għall-kopertura ta' pożizzjoni vakanti fl-iskadenza tat-terminu miftiehem bejn il-persuna li timpjega u l-ħaddiema, jikkostitwixxi raġuni oġġettiva li tiġġustifika li l-leġiżlatur nazzjonali ma jipprevedi f'tali każ ebda kumpens għax-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol, filwaqt li għal ħaddiem permanenti paragunabbli li tkeċċa minħabba raġuni oġġettiva jipprevedi kumpens ta' 20 jum għal kull sena ta' servizz?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fit-30 ta' Diċembru 2016 – A

(Kawża C-679/16)

(2017/C 086/20)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A

Konvenuta: Espoon kaupungin sosiaali- ja terveyslautakunnan yksilöasioiden jaosto

Domandi preliminari

1) Benefiċċju bħall-għajnuna individwali prevista fil-liġi dwar is-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà għandu jitqies bħala benefiċċju tal-mard fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 883/2004 ([1])?

2) Jekk l-ewwel domanda preliminari tingħata risposta negattiva, hemm restrizzjoni għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, kif stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 TFUE, meta l-għoti lill-barrani ta' benefiċċju bħall-għajnuna individwali skont il-liġi dwar il-persuni b'diżabbiltà ma huwiex suġġett għal leġiżlazzjoni partikolari u l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju huma interpretati fis-sens li l-għajnuna individwali ma tingħatax fi Stat Membru ieħor li fih persuna tistudja għal perijodu ta' tliet snin fl-edukazzjoni għolja bil-ħsieb li tikseb lawrja?

— Huwa rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni li benefiċċju bħall-għajnuna individwali tista' tingħata fil-Finlandja għal komun differenti mill-komun fejn tirrisjedi l-persuna inkwistjoni, pereżempju meta din tal-aħħar tkun qed tistudja f'komun ieħor?

— Id-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà huma rilevanti għall-eżami tal-kawża fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni?

3) Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-risposta li tagħti għat-tieni domanda preliminari, tqis li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kif ġiet interpretata fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' moviment, tali restrizzjoni tista' madankollu tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali relatati mal-obbligu tal-komun li jissorvelja l-organizzazzjoni tal-għajnuna individwali, mal-possibbiltajiet tal-komun li jagħżel modalitajiet ta' għajnuna xierqa kif ukoll maż-żamma tal-koerenza u tal-effikaċja tas-sistema ta' għajnuna individwali prevista fil-liġi dwar is-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà?

([1]) Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fid-9 ta' Jannar 2017 – Maria Tirkkonen

(Kawża C-9/17)

(2017/C 086/21)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Maria Tirkkonen

Konvenuta: Maaseutuvirasto

Domandi preliminari

L-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2004/18/KE ([1]) għandu jiġi interpretat li jfisser li d-definizzjoni ta' "kuntratt pubbliku" fis-sens ta' din id-direttiva tinkludi sistema

— li permezz tagħha organu pubbliku jkollu l-intenzjoni li jikseb servizzi fis-suq matul perijodu limitat bil-quddiem, billi jikkonkludi kuntratti, suġġetti għall-kundizzjonijiet ta' ftehim qafas anness mas-sejħa għal offerti, mal-operaturi ekonomiċi kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi fil-fajl ta' sejħa għal offerti fir-rigward tal-kapaċità tal-fornituri u tas-servizz ipprovdut, u li jgħaddu minn eżami deskritt iktar preċiżament fis-sejħa għal offerti, u,

— li tul il-perijodu ta' validità tal-kuntratt ma jkunx iktar possibbli li ssir aderazzjoni magħha?

([1]) Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein oikeus (il-Finlandja) fit-13 ta' Jannar 2017 – Bosphorus Queen Shipping Ltd Corp. vs Rajavartiolaitos

(Kawża C-15/17)

(2017/C 086/22)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein oikeus.